DIPARTIMENT GHALL-KURRIKULU,
TAGHLIM TUL IL-HAJJA U IMPJEGABILITÀ
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM,
LIFELONG LEARNING AND EMPLOYABILITY
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 24 ta' Marzu 2018

**Azzjoni:** X **Ref:** DLAP 088/2018

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat, Carlston Grima – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti;
Joanne Sciberras u Violet Azzopardi – Amministraturi tal-Bibljoteka Nazzjonali – Libreriji Maltin.

**Suġġett:** Mixjet il-Malti – Minn Caxaro sa Aquilina

---

Il-kapijiet tal-iskejjel huma mgħarrfa li t-Taqsima tal-Malti tad-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar bi sħab mal-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta ser torganizza attività interattiva ta' riċerka għall-istudenti tal-għaxar sena tas-sekondarja bl-isem ***Mixjet il-Malti – Minn Caxaro sa Aquilina***. L-għalliema huma mitluba jaqraw l-informazzjoni marbuta ma' din l-attività u mħeġġa jipparteċipaw fiha.

### L-Għanijiet tal-Attività

Din l-attività hija marbuta mas-sillabu tal-Malti għall-istudenti tal-għaxar sena u tgħinhom ukoll fit-tħejjija tagħhom għall-eżami tat-taħdit taċ-ĊES 2019. Barra minn hekk toffri opportunità lill-istudenti li jżuru l-Bibljoteka Nazzjonali u japprezzaw it-teżori stampati li hemm merfugħa fiha.

### Il-Programm tal-Attività

Din l-attività tikkonsisti f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti ser jintwera filmat dwar l-istorja tal-bini tal-Bibljoteka, is-sehem ta' Agius de Soldanis, il-katalogar tal-kotba jew dokumenti, il-kotba b'legatura personalizzata, l-album tal-akwarelli, u mappa antika tal-Mediterran (jiġifieri dik tal-1490) fost l-oħrajn. Uħud minn dawn il-kotba antiki u imprezzabbli ser jintwerew lill-istudenti biex filwaqt li jagħrfu t-teżori stampati li għandna, japprezzaw ukoll il-ħidma kbira li ssir fil-Bibljoteka biex dawn jitħarsu. Wara l-filmat, l-istudenti se jkollhom l-opportunità jżuru t-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni fejn ikunu jistgħu jaraw kif tittieħed kopja diġitali ta' dokumenti ta' valur fil-Bibljoteka u wara tittella' online ħalli tkun aċċessibbli għal riċerkaturi mid-dinja kollha. L-istudenti jista' jkollhom l-oppotunità li jieħdu huma stess ir-ritratt tad-dokument u jeditjawh.

Fit-tieni parti tal-attività, l-istudenti jitilgħu fis-sala ewlenija fejn ikunu jistgħu jaraw għadd ta' manuskritti u kotba marbutin mal-istorja tal-lingwa u l-letteratura Maltija, u jaħdmu t-taħriġ li għandhom fi ktejjeb imħejji apposta għal din l-attività.

**Id-Dati u l-Ħinijiet tal-Attività**

Din l-attività hija miftuħa għall-iskejjel sekondarji kollha Maltin u Għawdxin u tinfirex fuq ħamest ijiem mit-23 sas-27 ta'April 2018. Il-wirja fis-sala ewlenija se tkun ukoll miftuħa għall-pubbliku bejn is-16 u s-27 ta' April fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-Bibljoteka Nazzjonali li huma mit-8.15am sal-5.00pm. Għall-iskejjel ser ikun hemm żewġ sessjonijiet, waħda li tibda fid-9.30am u l-oħra fil-11.00am. **Minħabba raġunijiet ta' spazju u n-natura tal-post, f'kull sessjoni jistgħu jipparteċipaw biss żewġ gruppi ta' għoxrin student/a l-wieħed.**

**It-Tħejjija minn qabel fil-klassi għall-attività**

L-għalliema tal-Malti għandhom iħejju lill-istudenti tagħhom **minn qabel** għal din l-attività billi jinqdew bil-preżentazzjoni li tinsab fis-sit elettroniku http://malti.skola.edu.mt fit-taqsima tas-sekondarja (l-għaxar sena, il-lingwa, it-taħdit). Din il-preżentazzjoni tinkludi tagħrif dwar il-kittieba u l-materjal stampat li l-istudenti ser jaraw fis-sala tal-Bibljoteka Nazzjonali. Fuq din il-preparazzjoni ser jinbena t-taħriġ fil-ktejjeb li jridu jimlew l-istudenti meta jżuru l-Bibljoteka. **Għalhekk huwa importanti ħafna li l-għalliema jħejju sewwa minn qabel lill-istudenti tagħhom fuq il-materjal li se jaraw fil-Bibljoteka biex din l-attività tirnexxi tassew u tkun ta' ġid għall-istudenti li jattendu.**

**Il-*Ktejjeb ta' Taħriġ* għall-istudenti**

Bħala taħriġ għal dakinhar tal-attività, tħejja ktejjeb apposta b'għadd ta' eżerċizzji qosra ta' riċerka li jridu jsiru mill-istudenti minn fuq il-kotba u d-dokumenti l-oħra li ser ikunu għall-wiri fil-Bibljoteka. Hemm żewġ verżjonijiet tal-ktejjeb: l-ewwel verżjoni b'tagħrif iddettaljat dwar kull dokument espost fil-wirja, filwaqt li t-tieni verżjoni tinkludi ftit tagħrif fuq kull dokument u t-taħriġ li l-istudenti jridu jagħmlu waqt l-attività. **L-għalliema għandhom jaraw li dakinhar tal-attività, kull student/a ikollu/ha kopja stampata tat-tieni verżjoni tal-ktejjeb ħalli, fis-sala ewlenija tal-Bibljoteka stess, ikun jista' jinħadem it-taħriġ marbut mad-dokumenti esposti. Dan il-ktejjeb jista' jitniżżel mill-istess taqsima tas-sit elettroniku msemmi u huwa msejjaħ *Ktejjeb ta' Taħriġ*.** L-ewwel verżjoni tal-ktejjeb, imsejħa *Ktejjeb ta' Tagħrif*, tista' titniżżel u tkun stampata minn dawk l-istudenti u/jew għalliema li jkunu jixtiequ jkollhom tagħrif aktar dettaljat dwar dak li jkunu qegħdin jaraw fil-wirja. L-għalliema għandhom jagħtu wkoll l-indirizz elettroniku tas-sit fejn jinsab dan il-materjal edukattiv lill-istudenti tagħhom biex ikunu jistgħu jirreferu għalih ukoll minn darhom.

**Misraħ San Ġorġ**

Qabel jew wara l-attività fil-Bibljoteka, l-għalliema jistgħu jieħdu lill-istudenti f'Misraħ San Ġorġ biex jaħdmu taħriġ dwar il-bini, il-monumenti u l-lapidi li nsibu f'din il-pjazza ewlenija fil-Belt Valletta. Dan it-taħriġ jista' jitniżżel ukoll mill-istess taqsima (l-għaxar sena, il-lingwa, it-taħdit) tas-sit http://malti.skola.edu.mt, u l-istudenti jistgħu jaħdmuh individwalment jew fi gruppi.

**L-Applikazzjonijiet**

L-iskejjel kollha Maltin u Għawdxin li għandhom studenti tal-għaxar sena huma mistiedna jattendu. Kull min hu interessat li jipparteċipa f'din l-attività għandu jibgħat ittra elettronika lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti jew Kap tad-Dipartiment tal-Malti inkarigat mill-kulleġġ tiegħu. Fiha għandha tingħata informazzjoni dwar meta u liema sessjoni/jiet l-iskola tixtieq tattendi skont l-iskeda mehmuża hawn taħt. **L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar it-Tlieta, 17 ta'April 2018.** Min ikun irid aktar informazzjoni jista' jkellem lill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti tal-kulleġġ tiegħu jew lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti tal-kulleġġ fuq wieħed minn dawn in-numri: 25982914, 25982905

jew 25982927. Din l-attività hija bla ħlas imma l-iskola trid tagħmel l-arranġamenti għat-trasport tal-istudenti u għall-istampar tal-ktejjeb ta' taħriġ għall-istudenti li jkunu ser jattendu.

**L-Iskeda tad-Dati u l-Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Attività *Mixjet il-Malti- Minn Caxaro sa Aquilina***

| **Id-Dati** | **L-Ewwel Sessjoni**<br>Mid-9.30am sal-11.00am | **It-Tieni Sessjoni**<br>Mill-11.00am san-12.30pm |
|---|---|---|
| 23 ta'April 2018 | | |
| 24 ta'April 2018 | | |
| 25 ta'April 2018 | | |
| 26 ta'April 2018 | | |
| 27 ta' April 2018 | | |

Grazzi tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**